**Laqgħa Numru 69 (Laqgħa b'Urġenza)**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**5 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.00 filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fl-16.23pm

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

George Zammit -Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**69.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

69.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**69.2 Il-kont pendenti ma' G.V Gozo Developments Company Ltd tax-xogħlijiet tal-bankini**

69.2.1 Is-Sindku kkomunika li kien talab għal-laqgħa urġent minħabba l-kont pendenti ma' G.V Development Ltd. Is-Sindku talab biex kull membru jaqra u jifli sew l-Iskrittura li ġiet ipreparata biex eventwalment jintlaħaq ftehim mal-kuntrattur u jitwaqqfu l-proċeduri fil-qorti. Il-membri tal-Kunsill ħadu l-ħin tagħhom biex flew l-Iskrittura ppreparata. Is-Sindku wieġeb għad-domandi tal-Kunsilliera fejn spjega li jekk jintlaħaq ftehim mal-kuntrattur kulħadd għandu jħallas l-ispejjeż legali tiegħu. Is-somma msemmija fl-Iskrittura tammonta għall- €110,000 u ġaladarba jintlaħaq ftehim kienet se titħallas f'daqqa. Minn dawn il-€110,000 kellu jitnaqqas l-ammont ta' €800 li kienu tħallsu żejda lil kuntrattur f'pagament li kien sar għas-servizz tal-bulky refuse.

69.2.1 Is-Sindku spjega li l-kont oriġinarju kien ta' €165,000 imma jibqa' l-fatt li kemm il-madum u anke x-xogħol kien sar ħażin. Il-membri preżenti unanimanent qablu li l-Kunsill kellu jħallas is-somma ta' €110,000 u minnhom jitnaqqsu dawk it-€800 biex b'hekk jitwaqqgħu l-proċeduri legali kollha.

**69.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil-16.45pm . Is-Sindku fakkar li l-laqgħa li jmiss ser issir skont kif skedat, jiġifieri nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru fl-4.30pm.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |